MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 1690/2010

**Joseph u martu Carmela k/a Marlene Bonnici**

**Vs**

**Western Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundanata thallas lill-atturi s-somma mehuda minnha zejda fl-ammont ta' tlett elef, erbgha mija u hamsa u disghin ewro (€3495) wara pagamenti li saru fuq vettura numru UPS111 tal-marka Kia u dan kif jirrizulta mill-hlasijiet li saru nkluzi dawk li ngabru mis-socjeta' konvenuta li ma kienux dovuti; bl-ispejjez w interessi legali u nkluz l-ittra legali datata 23 t'Awwissu, 2010.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li fiha ecceppiet illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba attrici peress li din t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u illi l-ammont ta' tlett elef, erbgha mija u hamsa u disghin ewro (€3495) kien tassew dovut lill-konvenut u ma giex mehud b'mod zejjed, hekk kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh tal-vettura tal-marka KIA bin-numru tar-registrazzjoni UPS111.

Ra l-kontro-talba tal-atturi li fiha ppremettew illi l-konvenut jitlob illi l-attur jaghmel il-pagament dovut ta' mitejn u tlieta u tletin ewro rapprezentanti tal-bilanc li fadallu jhallas u ta' imghax tal-arretrati skont il-kuntratt ta' bejgh tal-vettura KIA Avella bin-numru UPS111, li sar bejn il-partijiet.

Ra x-xhieda tal-konjugi Bonnici u tar-rapprezentant tas-socjeta' Western Company limited.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra il-verbal tal- 25 ta' Gunju, 2012 li bih thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjoni:**
Din it-talba hija ghall-rifuzjoni ta' flus mhallsin lis-socjeta' konvenuta ghall-xiri ta' vettura. Illi din it-talba hija kkontestata u saret ukoll kontro-talba ghaliex il-pagament dovut ghall-vettura ma sarx fl-intier tieghu.

Mill-provi jirizulta illi:
Il-vettura intxtrat fis-sena 2004 minn Joseph u Marlene Bonnici. Fix-xhieda taghhom l-atturi ddikjaraw illi kienu xtraw il-vettura ghall-persuna bl-isem Wessam Esourami. Kien hu li kien ghamel l-arragamenti biex jixtri il-vettura. L-atturi kienu ffirmaw ammont ta' kambjali li dehrilhom li kienu circa erbghin (40) fuq talba ta' dan l-individwu ghaliex ma setghax jixtriha hu ghaliex kien Malta b'mod illegali. Dan il-bniedem kien qieghed johrog mat-tifla taghhom u l-arrangement ma' Esourami kien li hu kien ser jghamel il-pagamenti 'zda wara ftit xhur is-socjeta konvenuta kienet infurmathom li kienet ser taghmlilhom mandat ghall-valur ta' sitt mitt liri antiki Maltin (Lm600) u mbahagd kienu tkellmu mas-socejta' konvenuta u ftehmu

li jhallsu is-somma ta’ tliet mitt liri Maltin (LM 300). Illi l-atturi komplew ihallsu minflok Esourami ghaliex dan kien telaq minn Malta. Wara certu zmien hassew li kienu ghamlu aktar pagamenti milli suppost. Illi skont huma kienu ffirmaw erbghin (40) kambjala ‘mma hallsu hafna aktar minn hekk. Illi pero fis-sena 2010 wara li ghamel il-kontijiet, Joseph Bonnici kkonkluda li kien hallas is-somma totali t’ erba’ t’elef u seba’ mitt liri antiki Maltin (Lm4700 - €10,951). Illi huma pprezentaw dokument mahrug mill- Bank of Valletta (a fol 2 tal-process) datat 13 ta’ Jannar 2006 illi kien hemm 40 kambjala mizmuma mill-Bank of Valletta.

Illi Charles Bianco kien xehed u pprezenta skrittura bejn il-konjugi Bonnici u Gianluca Autodealer datat 28 ta’ Jannar 2004 li jindika l-ammont ta’ tlett elef u hames mitt (LM 3,500) liri antiki Maltin li skont l-artikolu 2(ii): *Il-bilanc ta’ LM3,500 ghadu jigi mhallas f’pagament ta Lm 186.35 kull 30 gurnata ta’ kull xahar bl-imghax ta’ 8%.*

Dan it-Tribunal jara li hija haga stramba hafna li skrittura datata 2004 tindika bhala pagament rateali l-ammont 186.35 li ghalkemm indikat f’liri maltin huwa il-kalkulazzjoni ta’80 liri maltin f’ewro, meta f’ dak iz-zmien l-ewro ma kienitx tintuza f’Malta. Ghalhekk jikonkludi li l-iskrittura mhijiex wahda awtentika. Ghalhekk it-Tribunal ser jiskarta din il-prova.

Jidher illi hlasijiet saru regolarment u gew prezentati ricevuti li nghataw u li ma gewx kontestati da parti tal-konvenut. Il-pagamenti li saru gew elenkati ukoll f’prospett, (ara fol 5 tal-process), u dan ukoll gie konfermat mill-konvenut.

Illi jidher mill-kalkoli illi l-ammont ta’ tmenin liri antki Maltin (Lm80) kien dak miftiehem illi pero jekk il-konvenuti kellhom jhallsu erbghin (40) kambjala biss l-ammont mhallas kien jkun tlett elef u mitejn liri antiki Maltin (LM3200) u mhux tlett elef u hames mitt liri antiki Maltin (LM3500) kif qed jallega Bianco fix-xhieda tieghu. Mix-xhieda tal-konjugi Bonnici lanqas jidher illi huma cari fuq x’kien il-prezz li kellu jithallas ghall-vettura. Ghalhekk

qeghdin joqghodu fuq l-ittra tal-Bank of Valletta (a fol 2 tal-process) li tindika illi kien hemm 40 kambjali biss fl-ammont totali ta' tlett elef u mitejn ewro (Lm3,200). Illi pero l-istess ittra tghid (ara Klawzola 2): *illi inti/intom konxji u tacceta/w illi din il-konferma ma teskludiex il-possibilita illi l-imsemmija somma ta lm3200 tista tkun anqas mill-valur totali tal-kambjali migbuda u accettati minnkom.*

Ghall-kuntrarju, Bianco fix-xhieda tieghu qal li l-ammont proprju huwa t'erba' t'elef u tmien mitt liri antiki Maltin (Lm4,800) u dan huwa l-ammont ta' tlett elef u hames mitt liri antiki Maltin (Lm3,500) inkluz interessi fis-somma ta' tmienja fil-mija (8%) u ghalhekk hu spjega li kienu pagamenti ta' tmenin liri antiki Maltin (LM80) f'sittin pagament.

Illi t-Tribunal jhoss illi l-affarijiet mhumiex cari u hemm provi u verzjonijet konfligenti. Jidher illi lanqas l-atturi stess m'huma cari fuq x'kien il-ftehim u lanqas il-prezz. Illi il-valur tal-vettura meta nxtrat ma gietx ikkontestata u lanqas ma gie ikkontestat li kien hemm ftehim li jithallas 8% bhala imghax u li kellu jithallas fuq medda ta' hames snin. L-attur stess iddikjara li ma kienx ghamel ebda negozju mas-sur Bianco. Jiftakar li kien iffirma xi tmienja u hamsin (58) il-kambjala meta kienu gew id-dar tieghu[1].

Illi t-Tribunal jinnota ukoll illi il-konjugi Bonnici kienu jaghmlu hlasijiet regolari specjalment sa 2008 u cioe' sakemm thallas l-ammont kapitali. Illi l-unika prova dokumentarja li ressqu biex juru li hallsu aktar milli suppost kien l-ittra tal-Bank of Valletta li pero mhuwiex prova li jista' joqghod fuqu it-Tribunal minhabba r-ragunijet fuq esposti. Illi meta taghmel il-kalkolazzjonijiet is-somma mitluba mis-socjeta' konvenuta rikonvenjonata hija korretta u tinkludi l-imghax.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, l-verzjoni kif spjegata mis-socjeta' konvenuta hija aktar cara u taghmel aktar sens

---

[1] Ara xhieda ta Joseph Bonicci a fol 100 tal-process

meta taghmel il-kalkolazzjonijiet u jitqies illi dan kien *hire purchase*.

**Decide:**
Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad t-talba *tal-atturi* u jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta kif ukoll jilqa' t-talba li saret *mis-socjeta' konvenuta fil-kontro talba taghha* bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali jihallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------